# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tar-rikors numru: 143/2022 TA**

**Pauline Cassar (K.I. 618662M)**

**Avukat tal-Istat**

**U**

**George Gatt (K.I. 846249M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Pauline Cassar (ir-rikorrenti) tal-1 ta' Novembru 2022.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-intimat Gatt.

Rat l-Atti kollha tal-Kawża.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet fil-miftuħ.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Jirriżulta li t-talbiet u premessi tar-rikors huma kollha ibbażi fuq lokazzjoni abbażi tal-Kap 69 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu jirrigwarda ksur tad-drittijiet

fundamentali tal-bniedem li qed ikunu nvokati. Jidher li kif jingħad fir-rikors stess ir-rikorrenti qed titlob il-korrezzjoni wara li ħadet konjizzjoni tal-kontenut tar-risposta tal-Avukat tal-Istat. Di fatti l-avukat tal-Istat josserva fil-paragrafu 4 et sequens tan-nota tiegħu li ġaladarba l-fond kien dekontrollat mhux kapitlu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kellu jkun attakkat iżda l-provvedimenti relattivi tal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent qiegħda għalhekk titlob korrezzjoni fis-sens u fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għamel l-Avukat tal-Istat u dan qed tagħmlu abbażi tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Il-kwistjoni qamet minħabba ċertifikat esebit mill-Avukat tal-Istat li dan il-fond huwa dekontrollat (a' fol 128). Fil-fhema tal-Qorti din hija prova li kellha tinġieb a' konjizzjoni tal-Qorti mir-rikorrenti għaliex wara kollox hija l-propjetarja tal-fond. B'konsegwenza ta' dan iċ-ċertifikat, ir-rikorrenti issa qiegħdin jitolbu l-korrezzjoni kif mitluba.

Eċċezzjonijiet li jistgħu jkunu preġudikati ma hemmx formalment, għaliex meta dawn saru jidher li l-intimati kienu għadhom mhux konsapevoli ta' dan il-fatt. Imma xorta jibqa' l-fatt, il-korrezzjoni qed titqanqal meta r-rikors jinsab fi stadju fejn anke saru n-noti ta' osservazzjonijiet li bis-saħħa tagħhom r-rikorrenti fetħet għajnejha.

Il-Qorti tħoss li ma jkunx f'waqtu u l-anqas sewwa li t-talbiet tar-rikors jiġu mibdula bil-mod kif qed jintalab bi preġudizzju għal waħda mid-difiżi tal-Avukat tal-Istat anke jekk din ma hiex fir-risposta oriġinali. Ikun inġust ukoll, li ssir korrezzjoni b'riċerka li għamel l-Avukat tal-Istat biex jiddefendi lilu nnifsu. Wara kollox ir-rikorrenti messha rat l-affarijiet tagħha sewwa qabel ma fetħet dawn il-proċeduri għaliex hija propjetarja u għandha tkun taf kull dettal dwar dak li tipposjedi.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikors odjern.

Spejjeż riservati.

**Illum 8, ta' Frar, 2023**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**